

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8628/20

DEVGEN 74
ACP 44
RELEX 422
FIN 343
OCDE 10

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8340/20
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2020 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2020 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, kif approvati bi proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

Rapport Annwali tal-2020 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u r-riżultati tagħhom b'rabta mal-ODA¹. Dan huwa l-għaxar rapport annwali ta' dan it-tip lill-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tax-xejriet fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA, ibbażata fuq informazzjoni preliminari mill-OECD-DAC dwar l-ODA tal-2019².
2. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jużaw b'mod effettiv kemm il-flussi finanzjarji kollha kif ukoll il-mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni, filwaqt li jenfasizza l-azzjoni domestika u politiki sodi biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tal-2015. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn kollettiv u individwali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-finanzjament għal żvilupp sostenibbli, inkluż għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), kif stabbilit fil-"Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp"³ u f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
3. F'xenarju ta' finanzjament dejjem aktar kumpless, l-ODA għadha taqdi rwol kruċjali, bħala element importanti u katalitiku fil-finanzjament ġenerali disponibbli biex jgħin fil-kisba tal-SDGs. L-ODA tista' tgħin fil-kisba ta' mezzi oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

¹ Ara l-Anness għall-impenji dwar l-ODA.

² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_674

³ [2017/C 210/01:Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni](#)

4. Filwaqt li l-ODA globali hija kwantitattivament żgħira għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp kollha kemm huma, hija tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi fqar, b'mod partikolari għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn inkluż il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew konflitt u l-pajjiżi li jbatu minn vulnerabbiltajiet relatati mal-klima, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.
5. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:
 - a) Fl-2019, l-ODA kollettiva⁴ tal-UE28⁵ laħqet EUR 75.2 biljun⁶, żieda minn EUR 74.9 biljun fl-2018⁷.

⁴ L-aggregat tal-UE jinkludi r-Renju Unit peress li l-perijodu referenzjarju jintemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fl-1 ta' Frar 2020.

⁵ L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.

⁶ Abbażi ta' ekwivalenti ta' għotja, li hija l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-valur tas-self aġevolanti tal-ODA, applikata għall-ewwel darba s-sena l-oħra għad-data tal-2018 għal self uffiċjali u għal self lil istituzzjonijiet multilaterali. Fil-qosor, l-ekwivalenti ta' għotja hija l-istima, fil-valur tal-flus tal-lum, ta' kemm ikun qed jingħata tul il-ħajja ta' transazzjoni finanzjarja, meta mqabbel ma' transazzjoni f'termini tas-suq – jiġifieri tkejjel l-isforz reali tad-donatur. L-ekwivalenti ta' għotja huwa l-element ta' għotja mmultiplikat bl-ammont ta' flus estiż għal self tal-ODA filwaqt li l-għotjiet tal-ODA għandhom element ta' għotja ta' 100 %. Is-sistema ttejjeb ir-rappurtar tas-self tal-ODA u tippermetti li jitqiesu l-isforzi magħmula mid-donaturi biex jipprovdu self skont il-livell ta' konċessjonalità tagħhom, jiġifieri, il-livell ta' benefiċċju għal min jissellef meta mqabbel ma' self bir-rata tas-suq. Fil-passat (il-"metodu ta' bażi ta' flussi"), il-flussi attwali ta' flus kontanti bejn donatur u pajjiż riċevitur ġew irreġistrati u ġie rreġistrat self b'"valur par" bħala ODA iżda ħlasijiet lura sussegwenti minn pajjiżi mbagħad tnaqqsu bħala ODA negattiva.

⁷ F'termini nominali.

- b) L-UE u t-28 Stat Membru tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), li tammonta għal 55.2 % tat-total tal-ODA għal pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp minn membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD. Dan jikkonferma t-tmexxija tal-UE fir-rigward tal-aġenda globali dwar l-iżvilupp sostenibbli.
- c) L-ODA kollettiva tal-UE28 irrappreżentat 0.46 % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE (DNG)⁸; dan huwa tnaqqis mill-proporzjon tal-2018 ta' 0.47 %⁹, iżda għadu sinifikament ogħla mill-medja tal-membri tad-DAC li mhumieq fl-UE, li kienet ta' 0.21 % tad-DNG fl-2019 (ara l-Figura 2).
- d) Erba' Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-livell limitu ta' ODA/DNG ta' 0.7 % (ara l-Figura 3 u t-Tabella 1). F'sitt Stati Membri tal-UE, il-proporzjon ODA/DNG żdied, f'erbatax baqa' stabbli¹⁰, filwaqt li fi tmien Stati Membri naqas.
6. Il-Kunsill jibqa' dejjem aktar imħasseb dwar ix-xejra negattiva ġenerali ta' proporzjon ODA/DNG kollettiv tal-UE, li naqset għat-tielet sena konsekuttiva, u dwar il-fatt li l-UE tinsab dejjem aktar 'il bogħod mill-kisba tal-mira kollettiva biex tipprovdi 0.7 % tad-DNG bħala ODA.
7. Il-Kunsill jilqa' t-titjib żgħir fl-ODA għal-LDCs, li żdiedet, għat-tieni sena konsekuttiva, biex tilħaq 0.125% tad-DNG fl-2018¹¹ (ara t-Tabella 2), iżda jibqa' serjament inkwetat li l-UE għadha ma laħqitx il-mira kollettiva tagħha li tipprovdi 0.15 % - 0.20 % tad-DNG lil-LDCs fit-terminu ta' żmien qasir¹². Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jżiedu urġentement l-isforzi biex tintlaħaq il-mira sabiex kollettivament jiġi pprovdut 0.20 % tad-DNG bħala ODA lil-LDCs sal-2030.

⁸ Id-Dħul Nazzjonali Gross tal-UE huwa s-somma tad-DNG ta' kull Stat Membru.

⁹ It-tnaqqis fil-proporzjon ODA/DNG tal-UE bejn l-2018 u l-2019 huwa dovut b'mod partikolari għal tkabbir relattivament ogħla tad-DNG tal-UE f'termini nominali mill-ODA.

¹⁰ Il-kelma "stabbli" hawn tirreferi għall-proporzjonijiet ODA/DNG li nbidlu b'inqas minn 0.01 punti perċentwali.

¹¹ L-2018 hija l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli data kompluta. Fl-2018, ħames Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-mira tal-2020 ta' 0.15 % ta' ODA/DNG għal-LDCs, ara t-Tabella 2.

¹² L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li kollettivament jagħtu lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs) ODA li tammonta għal bejn 0.15 % u 0.20 % tad-DNG tal-UE fuq medda qasira ta' żmien u 0.20 % sal-2030 (Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp 2017).

8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jintlaħqu l-miri kollettivi u individwali u biex kollettivament jingħata 0.7 % tad-DNG bħala ODA sal-2030, speċjalment fid-dawl tax-xejra ta' tnaqqis fl-ODA u tal-kriżi multidimensjonali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill jenfasizza li huwa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu azzjonijiet konkreti u verifikabbli biex jitwettqu dawn l-impenji u ser ikompli jissorvelja l-progress. Il-Kunsill ser jibqa' jirrapporta kull sena biex jagħti lok għat-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-aċċess għal finanzjament konċessjonarju għal pajjiżi sħab, u jenfasizza li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jkun ambizzjuż biżżejjed biex jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji kollettivi tal-ODA.
9. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-hteġa li jiġu indirizzati d-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiggradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. F'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi, il-beni pubbliċi globali u interessi kondiviżi oħrajn. Fir-rigward ta' pajjiżi fil-fażi aktar avvanzata tal-iżvilupp, li jeħtieġu anqas forom aġevolanti ta' għajjnuna jew xejn, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw involviment innovattiv, inkluż il-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha.
10. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri u tvarja inizjattivi, li jinvolvu lill-Istati Membri kif xieraq, biex jaħdmu għall-finanzjament sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u tal-SDGs, u biex jgħinu biex jintlaħqu l-impenji tal-ODA. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil-LDCs. Il-Kunsill jilqa' l-aġġornament tal-Kummissjoni dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE mal-LDCs u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta b'mod regolari lill-Istati Membri u taġġornahom dwar dawn il-miżuri u l-inizjattivi bil-ksieb li l-appoġġ tal-UE lil-LDCs jissaħħaħ.
11. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi partikolari li qed jiffaċċaw il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Afrika, u, f'dan ir-rigward, jissottolinja l-importanza li l-ODA tiġi mmirata għall-kontinent, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp.

12. Il-Kunsill jilqa' l-approċċ ta' "Tim Ewropa" b'appoġġ għall-ħtiġijiet fit-terminu taż-żmien qasir tal-pajjiżi sħab u l-impatti strutturali aktar fit-tul tal-COVID-19 fuq is-soċjetajiet u l-ekonomija. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji għal kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp maqbula fil-kuntest tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, peress li huma essenzjali biex jintlaħqu l-SDGs. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi kollettivi b'rabta mal-Ipprogrammar Konġunt tal-UE u tal-Istati Membri u jappella għal aktar involviment tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'bidma aħjar flimkien billi jiżguraw parteċipazzjoni inklużiva fl-implimentazzjoni, u iżidu kif xieraq l-użu tal-Ipprogrammar Konġunt, l-Implimentazzjoni Konġunta u l-oqfsa ta' Riżultati Konġunti.
13. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar dwar Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati (INFFs). Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jiġu appoġġati l-INFFs b'ala approċċ komprensiv u integrat biex jiġi mobilizzat il-finanzjament mis-sorsi kollha disponibbli biex jintlaħqu l-SDGs. Il-Kunsill jitlob bidma konġunta msaħħa fil-livell tal-pajjiżi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali u nazzjonali rilevanti kollha dwar l-SDGs u b'mod partikolari dwar il-finanzjament tagħhom.
14. Il-Kunsill jilqa' l-varar ta' rappurtar dwar l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD), żviluppat permezz ta' diskussjonijiet miftuħa, inklużivi u trasparenti fit-task force internazzjonali ad hoc. Filwaqt li jappoġġa r-rwol tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja li t-TOSSD ser jgħin biex jitkejlu aħjar u jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tar-riżorsi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Il-Kunsill jistenna b'interess li jara r-riżultati preliminari bbażati fuq id-data tal-2019. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħolqien ta' Grupp ta' Bidma tan-NU dwar il-Kejl ta' Appoġġ għall-Iżvilupp, f'konformità mal-Aġenda 2030 u li jibni fuq bidma rilevanti preċedenti f'dan il-qasam. Biex it-TOSSD jissodisfa l-potenzjal tiegħu, huwa kruċjali li jiġu involuti fornituri emerġenti.

15. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli jaħdem man-Nazzjonijiet Uniti, ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' banek għall-iżvilupp multilaterali u bilaterali fuq il-finanzjament ta' żvilupp sostenibbli u għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-impatt tiegħu fuq l-SDGs u l-valutazzjoni tar-riżultati, u għall-allinjament imtejjeb tal-finanzjament privat mal-SDGs. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-eżitu tal-Forum tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, li ġie adottat fi New York fis-27 ta' April 2020. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi, fid-dokument ta' eżitu tal-Forum tal-Finanzjament għall-Iżvilupp, fuq il-ħtieġa għal azzjoni politika koordinata, deċiżiva u innovattiva biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi immedjati tal-pandemija tal-COVID-19 b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà tal-ikel flimkien mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali fit-tul. Il-pakkett ta' orjentazzjoni mill-ġdid ta' "Tim Ewropa" ser ikun strumentali f'dak ir-rigward.

ANNESS 1

Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA

(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))

L-UE (...) tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriafermaw l-impenn tagħhom li jilhqg l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG, b'kont meħud taċċirkostanzi baġitarji, filwaqt li daww li laħqu dik il-mira jieħdu l-impenn li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-sħiħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33 %.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonnhom, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjuna għall-iżvilupp, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 % - 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015."

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid - "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna" (Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2017, paragrafu 103)


L-UE hija kollettivament impenjata li tipprovdi 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Biex ir-riżorsi jiġu mmirati fuq fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE hija impenjata wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 – 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. (...) Huma ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (approvata mill-Assemblea Ġenerali fir-riżoluzzjoni tagħha 69/313 tas-27 ta' Lulju 2015, paragrafi 51 u 52)

(...) Il-fornituri tal-ODA jafferaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom b'rabta mal-ODA, inkluż l-impenji minn bosta pajjiżi żviluppati biex jilħqu l-mira ta' 0.7 fil-mija ta' ODA/DNG u 0.15 sa 0.20 fil-mija ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nhegga minn dawk il-ftit pajjiżi li laħqu jew qabżu l-impenji tagħhom għal 0.7 fil-mija ta' ODA/DNG u l-mira ta' 0.15 sa 0.20 fil-mija ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nħeġġu lill-oħrajn kollha biex iżidu l-isforzi biex iżidu l-ODA tagħhom u biex jagħmlu sforzi konkreti addizzjonali lejn il-miri tal-ODA. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tafferma mill-ġdid l-impenji kollettivi tagħha sabiex tikseb 0.7 fil-mija tal-mira ta' ODA/DNG fil-qafas ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015, u tintrabat li tilħaq kollettivament il-mira ta' 0.15 sa 0.20 fil-mija ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fuq medda qasira ta' żmien, u li tilħaq 0.20 fil-mija ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fiż-żmien stabbilit tal-aġenda ta' wara l-2015. Aħna nħeġġu lill-fornituri tal-ODA jikkunsidraw li jistabbilixxu mira biex jipprovdu mill-inqas 0.20 fil-mija ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li niffokaw l-iktar riżorsi aġevolanti fuq dawk bl-akbar ħtiġijiet u bl-inqas kapacià li jimmobilizzaw riżorsi oħra. F'dan ir-rigward aħna ninnutaw bi tħassib kbir it-tnaqqis fis-sehem tal-ODA għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u nimpenjaw ruħna biex inreġġgħu lura dan it-tnaqqis. Aħna nhegga minn dawk li qegħdin jallokaw mill-inqas 50 fil-mija tal-ODA tagħhom lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.


Figura 1 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE fl-2019 (bħala ekwivalenti ta' għotja)



NB: L-ammonti kollha huma fil-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2019 huma preliminari.

NB: L-ODA kollettiva tal-UE tinkludi r-Renju Unit peress li l-perijodu referenzjarju jintemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020.


Figura 2 – ODA kollettiva tal-UE bħala % tad-DNG mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE tul iż-żmien (fuq bażi ta' flussi sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotja mill-2018)



NB: Għal kull sena, iċ-ċifri tal-ODA kollettiva tal-UE f'din il-graff iqisu biss dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE f'dak iż-żmien, filwaqt li l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumiex fl-UE jqis biss dawk il-pajjiżi mhux membri tal-UE li kienu membru tad-DAC f'dak iż-żmien. B'mod partikolari, l-ODA kollettiva tal-UE tinkludi r-Renju Unit peress li l-perijodu referenzjarju jintemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020.

NB: L-ammonti kollha huma fil-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2019 huma preliminari.

Figura 3 – Diskrepanza bejn il-livelli tal-ODA tal-2019 u miri individwali maqbula tat-28 Stat Membru tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2018 sal-2019 (abbażi ta' ekwivalenti ta' għotja)



NB: Il-kalkoli saru bl-użu tal-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2019 huma preliminari. Tibdiliet assoluti ta' 0.01% jew aktar biss huma kkunsidrati bħala żieda jew tnaqqis. Din il-metodoloġija ġiet applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandha l-għan li tevita li varjazzjonijiet żgħir jitqiesu bħala żieda jew tnaqqis. L-Istati Membri li esperjenzaw żieda jew tnaqqis żgħir jidhru fost dawk ikkunsidrati stabbli.

Tabella 1 – ODA kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE mill-2010 sal-2019

Member State	2010		2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017		2018		2019		Change 2018-2019	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	Volume in EUR Million	% of GNI
Austria	912	0.32	799	0.27	860	0.28	882	0.27	930	0.28	1,193	0.35	1,479	0.42	1,110	0.30	991	0.26	1,082	0.27	90.38	0.0102
Belgium	2,268	0.64	2,019	0.54	1,801	0.47	1,732	0.45	1,844	0.46	1,717	0.42	2,080	0.50	1,948	0.45	1,959	0.43	1,945	0.42	-13.76	-0.0145
Bulgaria	31	0.09	35	0.09	31	0.08	37	0.10	37	0.09	37	0.09	61	0.13	55	0.11	58	0.11	58	0.10	-0.35	-0.0079
Croatia							34	0.08	54	0.13	46	0.09	37	0.07	48	0.10	67	0.13	70	0.13	2.88	-0.0041
Cyprus	39	0.23	27	0.16	20	0.11	15	0.10	14	0.09	16	0.09	-	-	-	-	21	0.12	40	0.21	19.11	0.0932
Czech Republic	172	0.13	180	0.12	171	0.12	159	0.11	160	0.11	179	0.12	235	0.14	270	0.15	259	0.13	273	0.13	14.70	-0.0013
Denmark	2,168	0.91	2,108	0.85	2,095	0.83	2,205	0.85	2,264	0.86	2,313	0.85	2,142	0.75	2,172	0.74	2,195	0.72	2,275	0.71	80.11	-0.0052
Estonia	14	0.10	17	0.11	18	0.11	23	0.13	28	0.14	31	0.15	39	0.19	38	0.16	41	0.16	38	0.13	-3.51	-0.0268
Finland	1,006	0.55	1,011	0.53	1,027	0.53	1,081	0.54	1,232	0.59	1,161	0.55	958	0.44	961	0.42	834	0.36	1,006	0.42	172.36	0.0563
France	9,751	0.50	9,348	0.46	9,358	0.45	8,540	0.41	8,005	0.37	8,149	0.37	8,701	0.38	10,052	0.43	10,283	0.43	10,877	0.44	594.21	0.0123
Germany	9,804	0.39	10,136	0.39	10,067	0.37	10,717	0.38	12,486	0.42	16,173	0.52	22,368	0.70	22,182	0.67	21,163	0.61	21,266	0.60	103.46	-0.0104
Greece	383	0.17	305	0.15	255	0.13	180	0.10	186	0.11	215	0.12	333	0.19	278	0.16	246	0.13	275	0.14	29.15	0.0047
Hungary	86	0.09	100	0.11	92	0.10	97	0.10	109	0.11	140	0.13	180	0.17	132	0.11	241	0.21	283	0.22	41.50	0.0067
Ireland	676	0.52	657	0.51	629	0.47	637	0.46	615	0.38	648	0.32	726	0.32	743	0.32	792	0.31	835	0.31	43.20	-0.0012
Italy	2,262	0.15	3,111	0.20	2,129	0.14	2,584	0.17	3,022	0.19	3,609	0.22	4,601	0.27	5,197	0.30	4,397	0.25	4,377	0.24	-19.97	-0.0057
Latvia	12	0.06	14	0.07	16	0.07	18	0.08	19	0.08	21	0.09	27	0.11	28	0.11	29	0.10	30	0.10	1.10	-0.0013
Lithuania	28	0.10	37	0.13	40	0.13	38	0.11	34	0.10	43	0.12	52	0.14	53	0.13	55	0.12	52	0.11	-3.11	-0.0108
Luxembourg	304	1.05	294	0.97	310	1.00	323	1.00	319	1.06	327	0.95	354	1.00	376	1.00	401	0.98	424	1.05	22.74	0.0665
Malta	10	0.18	14	0.25	14	0.23	14	0.20	15	0.20	15	0.17	19	0.20	22	0.21	28	0.25	35	0.29	7.47	0.0455
The Netherlands	4,800	0.81	4,563	0.75	4,297	0.71	4,094	0.67	4,200	0.64	5,162	0.75	4,491	0.65	4,399	0.60	4,795	0.62	4,727	0.59	-67.50	-0.0325
Poland	285	0.08	300	0.08	328	0.09	367	0.10	341	0.09	397	0.10	600	0.15	603	0.13	649	0.14	611	0.12	-37.64	-0.0138
Portugal	490	0.29	509	0.31	452	0.28	368	0.23	324	0.19	278	0.16	310	0.17	338	0.18	349	0.18	333	0.16	-15.39	-0.0166
Romania	86	0.07	118	0.09	111	0.09	101	0.07	161	0.11	143	0.09	184	0.11	195	0.11	211	0.11	224	0.10	13.38	-0.0034
Slovak Republic	56	0.09	62	0.09	62	0.09	65	0.09	63	0.09	77	0.10	96	0.12	106	0.13	117	0.13	115	0.12	-1.71	-0.0070
Slovenia	44	0.13	45	0.13	45	0.13	46	0.13	46	0.12	57	0.15	74	0.19	67	0.16	71	0.16	77	0.16	6.11	0.0061
Spain	4,492	0.43	3,001	0.29	1,585	0.16	1,769	0.17	1,415	0.13	1,259	0.12	3,819	0.34	2,271	0.19	2,449	0.20	2,587	0.21	137.61	0.0027
Sweden	3,423	0.97	4,030	1.02	4,077	0.97	4,389	1.01	4,698	1.09	6,391	1.40	4,425	0.94	4,935	1.02	5,085	1.07	4,821	0.99	-263.96	-0.0818
UK	9,855	0.57	9,948	0.56	10,808	0.56	13,461	0.70	14,519	0.70	16,725	0.70	16,325	0.70	16,060	0.70	16,446	0.70	17,303	0.70	856.44	0.0059
EU15 Aggregate	52,594	0.46	51,840	0.44	49,749	0.42	52,962	0.44	56,058	0.44	65,320	0.49	73,113	0.54	73,022	0.52	72,383	0.50	74,132	0.50	1,749.08	-0.0040
EU13 Aggregate	863	0.09	950	0.10	949	0.10	1,014	0.10	1,081	0.10	1,203	0.11	1,603	0.14	1,616	0.13	1,847	0.14	1,907	0.13	59.93	-0.0046
EU27 Aggregate	43,602	0.41	42,842	0.39	39,890	0.36	40,515	0.36	42,620	0.36	49,797	0.41	58,391	0.47	58,578	0.45	57,784	0.43	58,737	0.42	952.57	-0.0073
EU28 Aggregate	53,457	0.44	52,790	0.42	50,698	0.39	53,975	0.41	57,139	0.41	66,522	0.46	74,716	0.51	74,638	0.49	74,230	0.47	76,039	0.46	1,809.01	-0.0050
EU Institutions' ODA not imputed to EU Member States	3,183	0.03	3,453	0.03	4,544	0.04	2,873	0.02	2,131	0.02	1,372	0.01	2,750	0.02	1,926	0.01	627	0.00	-849	-0.01	-1,476.33	-0.0091
EU27 Collective ODA	46,785	0.44	46,295	0.43	44,434	0.40	43,388	0.39	44,751	0.38	51,168	0.42	61,141	0.49	60,504	0.47	58,411	0.43	57,887	0.41	-523.75	-0.0180
EU28 Collective ODA	56,640	0.46	56,243	0.44	55,242	0.43	56,848	0.43	59,270	0.43	67,894	0.47	77,466	0.52	76,563	0.50	74,857	0.47	75,190	0.46	332.69	-0.0141

NB: Iċ-ċifri huma mogħtija f' flussi ta' flus sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotjiet mill-2018. L-ammonti kollha huma fil-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2019 huma preliminari.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu biss dawk il-pajjiżi li dak iż-żmien kienu Stat Membru tal-UE. B'mod partikolari, l-ODA aggregata u kollettiva tal-UE28 tinkludi r-Renju Unit peress li l-perijodu referenzjarju jintemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020.

NB: Is-sinjal "-" jindika li ma ġiet irrapportata l-ebda data tal-ODA mill-Istat Membru rispettiv għas-sena rispettiva.

Tabella 2: ODA tal-Istati Membri tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati 2016-2018

Stat Membru	2016		2017		2018	
	ODA lil-LDCs (EUR Miljun)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljun)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)	ODA lil-LDCs (EUR Miljun)	proporzjon ODA/DNG lil-LDCs (% tad-DNG)
Awstrija	226.2	0.06	260.2	0.07	270.1	0.07
Belġju	576.4	0.14	576.0	0.13	630.0	0.14
Bulgarija	13.6	0.03	11.2	0.02	11.8	0.02
Kroazja	7.5	0.02	8.6	0.02	12.9	0.03
Ċipru	-	-	-	-	4.3	0.02
Repubblika Ċeka	49.9	0.03	56.9	0.03	54.9	0.03
Danimarka	589.6	0.21	646.6	0.22	615.4	0.20
Estonja	6.3	0.03	5.8	0.03	6.6	0.03
Finlandja	292.2	0.13	288.3	0.13	266.1	0.11
Franza	1,900.0	0.08	2,442.2	0.10	2,872.2	0.12
Ġermanja	3,239.0	0.10	3,627.5	0.11	4,199.5	0.12
Greċja	42.7	0.02	50.0	0.03	50.8	0.03
Ungerija	36.2	0.03	25.3	0.02	57.6	0.05
Irlanda	324.4	0.14	318.6	0.14	327.1	0.13

Italja	886.8	0.05	1,029.7	0.06	1,116.6	0.06
Latvja	5.4	0.02	5.4	0.02	5.6	0.02
Litwanja	9.3	0.03	9.6	0.02	10.4	0.02
Lussemburgu	148.6	0.42	161.3	0.43	189.4	0.46
Malta	0.9	0.01	3.2	0.03	2.3	0.02
Netherlands	1,071.1	0.15	926.7	0.13	1,145.2	0.15
Polonja	166.2	0.04	100.2	0.02	186.7	0.04
Portugall	90.0	0.05	109.4	0.06	108.9	0.06
Rumanija	35.4	0.02	37.5	0.02	36.4	0.02
Repubblika Slovakka	17.1	0.02	19.8	0.02	21.4	0.02
Slovenja	12.0	0.03	11.0	0.03	11.3	0.02
Spanja	498.9	0.04	518.3	0.04	581.7	0.05
Żvezja	1,270.8	0.27	1,515.4	0.31	1,623.4	0.34
Renju Unit	5,086.7	0.22	5,394.7	0.23	5,428.9	0.23
ODA Aggregata tal-UE28 lil-LDCs	16,603.4	0.11	18,159.5	0.12	19,847.7	0.125

NB: L-ammonti kollha huma fil-prezzijiet attwali. L-ODA lil-LDCs hija kkalkulata billi l-ODA bilaterali nett tal-Istati Membri tiżdied mal-LDCs u l-ODA multilaterali attribwita lill-Istati Membri tiżdied mal-LDCs, biex b'hekk jiġi evitat l-għadd doppju tal-ODA tal-Istituzzjonijiet tal-UE mal-LDCs.